



Ġabra tal-ġurisprudenza

Kawża T-236/16

Biogena Naturprodukte GmbH & Co KG

vs

L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea

“Trade mark tal-Unjoni Ewropea - Applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea ZUM wohl - Raġuni assoluta għal rifjut - Karattru deskrittiv - Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 - Riferiment għan-nota ppreżentata quddiem il-Bord tal-Appell riprodotta fir-rikors - Provi annessi mat-talba għal seduta għas-sottomissjonijiet orali”

Sommarju – Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Id-Disa' Awla) tat-22 ta' Ġunju 2017

1. *Proċedura ġudizzjarja — Rikors promotur — Rekwiżiti formali — Espożizzjoni sommarja tal-motivi invokati — Motivi ta' dritt li ma ġewx ippreżentati fir-rikors — Riferiment għan-nota ppreżentata quddiem il-Bord tal-Appell riprodotta fir-rikors — Inammissibbiltà*

[Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 21; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 177(1)(d)]

2. *Proċedura ġudizzjarja — Terminu għall-produzzjoni tal-provi — Artikolu 86(1) u (3) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti — Provi ppreżentati għall-ewwel darba f'anness mat-talba għal seduta għas-sottomissjonijiet orali wara l-għeluq tal-fażi bil-miktub tal-proċedura — Inammissibbiltà*

(Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 85(1) u (3))

3. *Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Dispożizzjonijiet proċedurali — Motivazzjoni tad-deċiżjonijiet — L-ewwel sentenza tal-Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009 — Portata identika għal dik tal-Artikolu 296 TFUE*

(Artikolu 296 TFUE; Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, l-ewwel sentenza tal-Artikolu 75)

4. *Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Definizzjoni u kisba tat-trade mark tal-Unjoni Ewropea — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Eżami separat tar-raġunijiet ta' rifjut fir-rigward ta' kull wieħed mill-prodotti jew servizzi msemmija fl-applikazzjoni għal reġistrazzjoni — Obbligu ta' motivazzjoni ta' rifjut ta' reġistrazzjoni — Portata*

(Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, Artikoli 7(1) u Artikolu 75)

5. *Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Definizzjoni u kisba tat-trade mark tal-Unjoni Ewropea — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Trade marks li jikkonsistu esklużivament f'sinjali jew f'indikazzjonijiet li jistgħu jintużaw sabiex jindikaw il-karatteristiċi ta' prodott jew ta' servizz — Għan — Obbligu ta' disponibbiltà*

[tal-Kunsill Nru 207/2009, Artikolu 7(1)(c)]

6. *Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Definizzjoni u kisba tat-trade mark tal-Unjoni Ewropea — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Trade marks li jikkonsistu esklużivament f'sinjali jew findikazzjonijiet li jistgħu jintużaw sabiex jindikaw il-karatteristiċi ta' prodott jew ta' servizz — Kriterji*

[Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, Artikolu 7(1)(c)]

7. *Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Definizzjoni u kisba tat-trade mark tal-Unjoni Ewropea — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Trade marks li jikkonsistu esklużivament f'sinjali jew findikazzjonijiet li jistgħu jintużaw sabiex jindikaw il-karatteristiċi ta' prodott jew ta' servizz — Trade mark figurattiva ZUM wohl*

[tal-Kunsill Nru 207/2009, Artikolu 7(1)(c)]

8. *Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Definizzjoni u kisba tat-trade mark tal-Unjoni Ewropea — Reġistrazzjoni preċedenti tat-trade mark f'ċerti Stati Membri — Effett*

(Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009)

1. Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 21 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 177(1)(d) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, ir-rikors għandu jindikaw il-motivi u l-argumenti invokati kif ukoll sinthezi sommarju tal-imsemmija motivi. Din l-indikazzjoni għandha tkun suffiċjentement ċara u preċiża sabiex tippermetti lill-konvenut jipprepara d-difiża tiegħu u lill-Qorti tal-Ġenerali sabiex tiddeċiedi fuq ir-rikors, jekk ikun il-każ, fejn ma jkunx hemm informazzjoni oħra li fuqha jistgħu jibbażaw ruħhom.

Jekk it-test tar-rikors jista' jiġi sostnut permezz ta' riferimenti għal partijiet determinati tad-dokumenti li huma annessi miegħu, il-Qorti Ġenerali ma jkollhiex l-obbligu li tftitex u tidentifika, fl-annessi, il-motivi u l-argumenti li tikkunsidra bħala l-bażi tar-rikors, peress li l-annessi għandhom funzjoni purament probatorja u strumentali Minn dan jirriżulta li r-rikors, sakemm dan jirreferi għall-osservazzjonijiet bil-miktub ddepożitati quddiem l-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea, huwa inammissibbli sa fejn ir-riferiment ġenerali li dan jinkludi ma jirrelatax mar-raġunijiet u mal-argumenti żviluppati f'dan ir-rikors innifsu.

L-istess jgħodd meta r-riferiment jirrigwarda att li barra minn hekk ikun riprodott fil-parti ċentrali tar-rikors mingħajr indikazzjoni tal-punti speċifiċi tal-espożizzjoni tal-motivi tar-rikors li l-parti rikorrenti tixtieq li tikkompleta, u lanqas ta' partijiet tal-att inkwistjoni li fihom jidhru elementi eventwali li jistgħu jsostnu jew jissupplimentaw il-motivi tar-rikors, peress li tali inkorporazzjoni bl-ebda mod ma tidifferenzja, f'dan il-każ, bejn ir-riferiment ġenerali għal anness tar-rikors. Kieku kien mod ieħor, ir-rikorrenti jkunu f'qagħda, permezz ta' sempliċi riproduzzjoni tal-annessi fil-parti ċentrali tar-rikors, li jevitaw il-ġurisprudenza dwar l-inkompatibbiltà tar-riferimenti ġenerali għall-annessi mar-rekwiżiti proċedurali imposti mid-dispożizzjonijiet tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u tar-Regoli ta' Proċedura tal-Qorti Ġenerali.

Għalhekk, anki jekk in-nota ppreżentata quddiem il-Bord tal-Appell hija riprodotta b'mod sħiħ fil-preżentazzjoni tal-fatti li wasslu għall-kawża tar-rikors, ma hijiex il-Qorti Ġenerali li għandha tftitex, la f'din in-nota u lanqas fil-passaġġi tar-rikors li jirriproduċi din in-nota, l-argumenti li għalihom ir-rikorrenti jista' jagħmel riferiment u li teżaminahom, tali argumenti huma inammissibbli.

(Ara l-punti 11 sa 14)

2. skont l-Artikolu 85(1) u (3) tar-Regoli tal-Proċedura, il-provi jiġu ppreżentati fil-kuntest tal-ewwel skambju ta' noti, peress li l-partijiet prinċipali jistgħu, eċċezzjonalment, jipproduċu provi qabel l-għeluq tal-fażi orali tal-proċedura, bil-kundizzjoni li l-produzzjoni tardiva tagħhom tkun iġġustifikata.

Provi jiġu ppreżentati fil-kuntest għall-ewwel darba, talba għal seduta għas-sottomissjonijiet orali, wara l-għeluq tal-fażi bil-miktub tal-proċedura, għandhom jiġu ddikjarati inammissibbli abbażi tal-Artikolu 85(1) u (3) tar-Regoli tal-Proċedura, fl-assenza ta' kwalunkwe ġustifikazzjoni għad-dewmien fit-talba għal seduta, fl-assenza ta' spjegazzjoni rilevanti ta' dan id-dewmien b'risposta għad-domanda magħmula mill-Qorti Ġenerali u fl-assenza ta' ġustifikazzjoni għad-dewmien min-neċessità li tiġi żgurata l-osservanza tal-prinċipju tal-kontradittorju.

(ara l-punti 16 u 18 sa 21)

3. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punt 26)

4. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punt 27)

5. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punt 32)

6. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punti 33 sa 35)

7. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punti 37 sa 39, 43 sa 45, 50, 56, 57 u 61)

8. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punt 60)